FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 8**

**Avviz. numru 413/01JR**

**Elmo Insurance Agency Ltd. ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Gaetano Cutajar u l-istess Gaetano Cutajar**

**vs**

**Theresa Damato**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u disghin lira Maltija (Lm194.00), u fejn intqal:**

**i. illi fil-25 ta' Settembru, 2000, Alan Cutajar bin l-attur, kien qed isuq il-vettura BAR-165 (assikurata mal-kumpanija attrici u ta' proprjeta`**

ta’ missieru) minn Emanuel Magri Street, Hamrun, meta f’daqqa wahda infethet fuqha l-bieba tal-vann FAS-759 (li kien wieqaf) mill-konvenuta u b’dan il-mod grat il-hsara fil-vettura BAR-165 ammontanti ghal mija erbgha u disghin lira Maltija (Lm194.00) li gew sopportati kwantu ghal mija disa’ u sittin lira Maltija (Lm169.00) mill-kumpanija attrici taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) mill-attur minn butu; dovuta bhala premium fuq poloz ta’ assikurazzjoni mahruga favur tieghu u dana skond id-Dok.A anness ma’ l-avviz;

ii. Illi ghalkemm interpellata b’ittra ufficjali tas-6 ta’ Frar, 2001, il-konvenuta ma hallsitx l-imsemmija danni li gew kagunati minhabba l-imprudenza u negligenza taghha;

iii. Ghaldaqstant l-atturi talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta biex thallas in linea ta’ danni l-imsemmija somma ta’ mija erbgha u disghin lira Maltija (Lm194.00), kwantu ghall-mija disgha u sittin lira Maltija (Lm169.00) lill-kumpanija attrici u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur, prevja d-dikjarazzjoni li d-danni fuq imsemmija gew kagunati minhabba l-imprudenza u negligenza tal-konvenuta kif fuq inghad, bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Frar, 2001 u dawk ta’ l-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax ta’ 8% fis-sena mis-6 ta’ Frar, 2001, kontra l-konvenuta mharrka ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta kkontestat it-talba attrici.

**Semgha x-xhieda ta' Joe Mula, George Stagno Navarro, Alan Cutajar u Theresa Damato. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra l-verbal ta' l-20 ta' Lulju, 2001, li fih il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabilita`.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li grat fil-25 ta' Settembru, 2001, fi Triq Emanuel Magri, Hamrun, bejn il-vettura BAR-165 misjuqa minn Alan Cutajar, iben l-assikurat, u l-karozza FAS-759 tal-konvenuta. L-incident gara meta, waqt li Cutajar kien ghaddej, il-konvenuta fethet il-bieba tal-vann taghha u laqtet il-vettura ta' Cutajar.**

2. **Jirrizulta mis-survey Dok.JM1, esebit u konfermat mis-surveyor George Stagno Navarro, li l-karrozza ta' l-assikurat kellha l-mera mkissra u xi hsara fil-genb.**

3. **Il-konvenuta qed tghid li dik il-hsara fil-genb, b'eccezzjoni tal-mera, ma setghetx ikkawzata hi.**

4. **It-Tribunal ha in kunsiderazzjoni l-fatt li bl-impatt il-mera tqacctet, u li kellu hsara fuq quddiem meta tghawweg il-pilastru. Ghalhekk huwa verosimili dak li qed jghid l-attur li kellu danni fil-postijiet li indika**

**fir-ritratt Dok.JM5. Ghalhekk l-ammont mitlub huwa dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mija erbgha u disghin lira Maltija (Lm194.00), kwantu ghall-mija disgha u sittin lira Maltija (Lm169.00) lill-kumpanija attrici u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur, bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar, 2001 u dawk ta' l-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**